MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 2368/1997/1

**A**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 1997 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Gunju, 1983;

Illi l-konvenuta abbandunat lill-attur, u rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta' mohqrija, eccessi u ingurja, b'mod li rrendiet l-hajja konjugali ta' bejnithom impossibbli u peress illi l-hajja matrimonjali bejn l-attur u l-konvenut tkissret irrimidjabbilment;

U illi l-konvenuta hija dik il-parti li hija responsabbli ghall-firda bejn il-kontendenti;

Illi miz-zwieg tal-attur u l-konvenuta twieldet Tifla u b'sentenza ta' dina l-Qorti moghtija fil-31 ta' Jannar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet "A Calleja versus l-avukat Dr. A Pace et noe" (Citaz. Nru. 1256/94) il-kura u kustodja tal-istess Tifla giet fdata f'idejn l-attur;

U illi b'digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili moghti fl-20 ta' Mejju, 1997 l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi kontra martu ghas-separazzjoni personali;

U illi l-attur qed jokkupa bhala d-dar konjugali il-fond maghruf bhala fond gewwa,, San Gwann liema fond gie akkwistat l-aktar bil-hidma tal-attur;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni persunali bejn l-attur u l-konvenuta;

2. Tiddikjara li l-konvenuta tahti ghas-separazzjoni personali, u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, jekk hemm bzonn, tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

3. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 48 u sussidjarjament tal-artiklu 50 tal-Kodici Civili;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

5. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti skond il-ligi u taqsamha f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia*, tal-htija da parti tal-konvenuta li wasslet ghas-separazzjoni personali u tat-tielet talba tal-attur, okkorrendo tad-data tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, b'tali mod li l-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghall-nofs l-akkwisti (komprendenti il-fond fond, San Gwann) illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attur;

6. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-attur (li fiha jkun hemm il-fond, San Gwann) u l-ohra lill-konvenut nomine okkorrendo bin-nomina ta' perit biex jaghmel l-imemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' nutar biex jippublika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tordna illi l-attur ikollu id-dritt eskluziv illi jirrisjedi fid-dar konjugali maghrufa fond gewwa, San Gwann.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tas-Sekond'Awla kontra l-konvenut nomine illi huwa ngunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

]l-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine pprezentata fit-22 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha eccepixxiet;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta u n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet u illi fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tassenja lilu l-proprjeta' indikata fi-citazzjoni billi tiddikjara li l-konvenuta tilfet kull dritt ghaliha stante li giet akkwistata bil-hila ta' l-attur.

L-attur esebixxa affidavit tieghu a fol 30 *et sequitur* tal-process. Fihom spjega li fl-1994 meta martu kienet telghet l-Iskozja b'binthom maghha (illi llum ghandha sittax-il sena) gie mizmum mill-Pulizija f'Estera li avzawh illi kien hemm digriet mill-Qorti Estera biex ma jihux lit-tifla barra mill-

pajjiz. Meta mar sab lill martu din qaltlu li ma riditx tibqa tghix mieghu. Minkejja d-diversi tentattivi tieghu fejn tela' l-Iskozja hafna drabi biex jikkumbatti legalment dwar il-kustodja tat-tifla, ma rnexxilux jaghmel kuntatt maghha. Eventwalment kiseb sentenza favur tieghu f'Malta f'Jannar 1996 fejn il-kustodja giet affidatha lilu. Ghalkemm din is-sentenza giet konfermata pajjiz barrani, ma rnexxilux jesgwiha.

Rigward iz-zwieg l-attur qal li mill-ewwel bdew id-diffikoltajiet. Jidher li kien hemm konflitt kbir karatterjali u l-konvenuta dejjem kienet theddu li ser tmur lura pajjizha. Fl-1991 xtraw id-dar konjugali gebel u saqaf u ottjena *loan* tajba billi huwa mpjegat bankarju. Biex lesta d-dar kienu jghinuh niesu. Sa dakinhar kellhu bilanc ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) mis-self. Jghid li ghalkemm il-konvenuta kienet tipprovokah, qatt ma refa' idejh fuqha.

L-attur gie kontro-ezaminat a fol 56 tal-process; ikkonferma li f'incident partikolari ipprova jiddefendi ruhu mnn aggressjoni ta' martu u laqatha *b'pot* li kellu f'idejh. Cahad pero' li qatt attakaha hu. Huwa kkonferma li minn meta ppresenta l-affidavit, il-Qorti Estera akkordat it-talba ghal divorzju bejn il-partijiet. Fil-fatt gie esebit id-digriet relattiv a fol 64 tal-process, datat 31 ta' Awwisu, 1998.

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2001 xehed Omississ, kollega ta' l-attur fuq ix-xoghol illi qal li kien tela' jixhed favur l-attur fil-kawzi li kellu barra; ikkonferma li meta kien jiltaqa' mall-partijiet f' postijiet ta' divertiment dejjem innota li l-attur kien imur tajjeb hafna ma' binthom u li rigward il-konvenuta dejjem kien difficli illi jaqbdu konversazzjoni maghha hu u martu. Alfred Borg, kollega iehor ta' l-attur qal li kien jinnota illi l-konvenuta kienet spiss 'tahtaf' lill-attur.

L-attur rega' xehed a fol 101 u esebixxa kopja tal-kuntratt tax-xiri tad-dar u xi *statements* bankarji. Minn dan jirrizulta li kont

Bankarju ta' tifdil f'isem il-konvenuta gie sbankat kollu; l-attur jghid li dan il-kont infetah minnu u bi flusu pero' ma jafx min zbankah – naturalment jippresumi li l-konvenuta. A fol 122 sa 269 giet esebita s-sentenza tal-Qorti Estera rigwardanti l-kustodja tal-minuri.

*Nonostante* d-diversi tentattivi tal-kuratur biex jikkomunika maghha l-konvenuta ma jidhirx illi ghamlet sforz biex tghinu fid-difiza taghha u infatti baqghet ma ppresentat ebda provi quddiem il-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta’ l-attur wahda wara l-ohra.

Dwar l-ewwel talba u cioe’ dik ghal separazzjoni bejn il-partijiet il-konvenuta eccepiet *lis alibi pendens* stante l-proceduri ta’ divorzju bejnithom illi effettivament gew terminati fil-31 ta’ Awwissu, 1998 kif spjegat. Fil-fatt l-eccezzjoni hija ndirizzata lejn it-talba kollha izda hu car li l-iktar li tista’ teffetwa hija din it-talba billi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti ma ttiehdet ebda decizjoni.

Is-sentenzi citati mill-attur inghataw qabel l-Att tal-1975 dwar iz-zwieg u allura meta sentenza ta’ divorzju esteru ma kellha ebda sahha legali f’Malta. Dan inbidel wara dak l-Att ghaliex f’certi kaz dik is-sentenzi saret esegwibbli f’Malta kif certament hija dik ta’ bejn il-partijiet. Madankollu t-talbiet l-ohra jistghu ikunu dipendenti fuq l-ewwel wahda u certament pronunzjament ta’ separazzjoni issa mhux ser tibdel l-i*status* tal-partijiet ladarba huma gia’ divorzjati. Wiehed jista’ jargumenta illi wiehed ma jistax jissepara dak li huwa xjolt izda hemm l-Qorti hija tal-fehma li ghandha d-dover taghmel dan il-pronunzjament ghaliex l-attur qed jitlob ukoll data li fiha jigi dikjarat li l-konvenuta tkun ikkunsidrata hatja tal-firda. Din id-data tista’ tkun <u>qabel</u> dik tad-divorzju u ghal dan il-ghan il-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni billi ser tippronunzja l-partijiet separati appuntu qabel dik id-data. Naturalment id-data ghandha mportanza kbira fejn jirrigwardja l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida fil-21 ta’ Lulju, 1994 u ma gabet ebda prova li kien hemm xi raguni li tiggustifika dan.

Fir-rigward tal-qasma tal-komunjoni l-Qorti tikkondividi kwazi interament dak li ssottometta l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu. Jidher car li kien bis-sahha tieghu illi giet akkwistata d-dar konjugali u in mankanza ta' prova kontrarja l-Qorti taccetta li l-kont bankarju ta' aktar minn elfejn u sitt mitt Lira Maltin (Lm2,600) gie zbankat mill-konvenuta. Dan kien formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-attur ghalhekk hu kreditur ghas-somma ta' elf, tlett mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm1,320). Mill-banda l-ohra ghall-perjodu bejn l-akkwist tal-proprjeta' u Lulju 1994 il-partijiet hallsu lura lill-bank is-somma ta' elfejn, miteja u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm2,244). Il-Qorti pero' tqis li l-ammont ndikat mill-attur fin-nota tieghu bhala dovut lill-konvenuta huwa riduttiv wisq ghaliex ma jinkludix per ezempju xiri ta' mobbli fil-perjodu 1983 – 1994 u ghalhekk il-Qorti ser tillikwida l-ammont dovut lill-konvenut *arbitrio boni viri* ghas-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000), izda ser tassejna d-dar konjugali lill-attur.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur u ghalhekk;**

**1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;**

**2. tiddikjara li l-konvenuta kienet responsabbli ghas-separazzjoni u tistabillixi d-data tal-21 ta' Lulju, 1994 bhala meta l-konvenuta kienet responsabbli ghall-firda;**

**3. tiddikjara li l-konvenuta tilfet id-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;**

**4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mill-21 ta' Lulju, 1994;**

**5. tillikwida l-komunjoni msemmija billi tiddikjaraha konsistenti fil-proprjeta' immobbli u l-mobbli li hemm fiha u l-kontijiet bankarji li jista' jkollu f'ismu l-attur;**

**6. tassenja l-proprjeta' immobbli msemmija u l-mobbli komprizi kontijiet bankarji kollha lill-attur li jkun obbligat ihallas lill-konvenuta is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) (li minnha huwa awtorizzat inaqqas l-ispejjes ta' din il-kawza) u tinnomina lin-Nutar Malcolm Mangion illi ghandu jippublika l-att relattiv fit-8 ta' Frar, 2006 u lill-Avukat Dottor Charmaine Zammit bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;**

**Ghal kull buon fini tordna li l-attur ikollu dritt esklussiv jghix fid-dar konjugali msemmija.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuta izda l-attur ghandu provizorjament ihallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------